MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1929/2002

***Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc***

***vs***

***Baskal Giordmaina***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rappresentanti ammont dovut bhala *excess payment* li huma parti mid-danni sburzati u imhallsa mis-socjeta' attrici nomine u dana wara li l-istess socjeta' hallset taht il-polza mahruga favur il-konvenut il-hsara kkagjonata mill-assikurat taghha l-konvenut f'incident stradali li sehh fis-26 ta' Mejju 2002 fi Triq il-Wied B'Kara ma' vettura misjuqa minn Alison Casha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. David Harding, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**